Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 959/93**

tal-5 April 1993

dwar l-informazzjoni statistika li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri dwar uċuħ tar-raba' minbarra ċereali

(ĠU L 98, 24.4.1993, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2197/95 tat-18 ta' Settembru 1995	L 221	2	19.9.1995
►M2	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 296/2003 tas-17 ta' Frar 2003	L 43	18	18.2.2003
►M3	Ir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003	L 284	1	31.10.2003
►M4	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008

Emendat minn:

►A1	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►A2	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

NB: Din il-verżjoni konsolidata tinkludi referenzi għall-unità Ewropea ta' kont u/jew l-eku, li mill-1 ta' Jannar 1999 għandha tinftiehem bħala referenza għall-euro – Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3308/80 (ĠU L 345, ta' l-20.12.1980, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1).

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 959/93

tal-5 April 1993

dwar l-informazzjoni statistika li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri dwar uċuħ tar-raba' minbarra ċereali

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi, sabiex twettaq id-dmirijiet imposti fuqha mit-Trattat u mir-regolamenti dwar il-politika agrikola komuni, il-Kummissjoni jeħtieg li jkollha informazzjoni affidabbli, komparabbli u aġġornata, stabbilita permezz ta' metodi oġġettivi, dwar żoni taħt kultivazzjoni, ġabra u produzzjoni ta' uċuħ tar-raba' minbarra ċereali;

Billi huwa xieraq li tiġi rikonoxxuta l-importanza tas-settur tal-produzzjoni taċ-ċereali għall-organizzazzjoni u għall-amministrazzjoni tas-swieq agrikoli, li jfisser illi l-istħarriġ ta' l-istatistika meħtieġ għandu jitmexxa dejjem iżjed abbażi tar-regoli Komunitarji;

Billi għandha tiġi meqjusa l-esperjenza akkwistata mis-servizzi ta' l-istatistika b'dan l-istħarriġ fuq medda ta' ħafna snin;

Billi l-iskop ta' dan ir-Regolament huwa li jiddefinixxi l-informazzjoni dwar l-istatistika li trid tiġi provduta, li jippreskrivi livell sodisfaċenti ta' affidabbiltà u li jistabbilixxi informazzjoni teknika addizzjonali meħtieġa sabiex jiġu evalwati ċ-ċifri tal-produzzjoni, li jagħmel mezz li l-istħarriġ dwar l-arja u l-produzzjoni jkun oġġettiv u rappreżentattiv permezz ta' skambju wiesgħa ta' esperjenzi li jinvolvi laqgħat u rapporti, u li jiffissa t-termini ta' żmien li jridu jintlaħqu;

Billi, fir-rigward ta' xi prodotti ta' l-uċuħ tar-raba' minbarra ċ-ċereali, hija meħtieġa wkoll il-komunikazzjoni ta' informazzjoni reġjonali fuq bażi annwali;

Billi huwa xieraq li l-Kummissjoni tippreżenta rapport wara esperjenza ta' tliet snin ta' dan ir-Regolament, flimkien ma', jekk ikunu meħtieġa, proposti sabiex jittejjeb l-istħarriġ għall-istatistika;

Billi, matul perjodu transitorju, it-tibdil li għandu jsir fil-metodi ta' l-istatistika jinvolvi aktar xogħol għall-Istati Membri, li jeħtieg kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-perjodu mill-1993 sa l-1995, u l-ammont li hu meqjus neċessarju għandu jkun ta' miljun ECU fis-sena;

Billi, minkejja li l-ġbir u l-ipproċessar ta' l-informazzjoni u l-organizzazzjoni ta' l-istħarriġ fuq livell nazzjonali għandhom jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tas-servizzi ta' l-istatistika ta' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tagħmel ċert li jseħħu l-ġbir, il-kordinazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' l-informazzjoni ta' l-istatistika fuq livell Ewropew u għandha tipprovdi għal metodoloġiji armonizzati għall-amministrazzjoni tal-politika Komunitarja;

Billi, sabiex tkun aktar faċli l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandha tkompli l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni,

([1]) ĠU Nru C 335, tat-18.12.1992, pġ. 35.
([2]) Opinjoni mogħtija fit-12 ta' Frar 1993 (għada mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

partikolarment permezz tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istatistika Agrikola stabbilit mid-Deċizjoni 72/279/KEE ([1]),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TAQSIMA I

L-għanijiet

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Komunità b'informazzjoni annwali dwar il-produzzjoni u l-arja ta' l-uċuħ tar-raba', minnbarra ċ-ċereali, kif specifikat fl-Artikoli 2 u 6 ta' dan ir-Regolament, b' attenzjoni xierqa għar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90 tal-11 Ġunju 1990 dwar it-trasmissjoni ta' l-informazzjoni soġġetta għall-kunfidenzjalità ta' l-istatistika lill-*Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej* ([2]).

TAQSIMA II

L-informazzjoni li trid tingħata fuq livell nazzjonali

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu informazzjoni dwar żoni prinċipali u żoni sekondarji, skond id-definizzjonijiet mogħtija fl-Anness I, kull sena għal kull tip ta' użu ta' art li tinħarat elenkati fl-Anness II. L-Istati Membri indikati fl-Anness IX biss huma obbligati li jinkludu żoni sekondarji fl-istħarriġ ta' l-istatistika ta' kull sena u li jagħtu informazzjoni dwar dawk iż-żoni.

2. Barraminnhekk, l-Istati Membri għandhom jagħtu informazzjoni dwar iż-żoni prinċipali ta' mergħat permanenti u wċuh tar-raba permanenti u dwar żoni oħrajn skond kif huwa mniżżel rispettivament fl-Anness II, taħt l-intestaturi K, L, M u N. Dik l-informazzjoni tista' tinkiseb totalment jew parzjalment minn metodi ta' teknika ta' l-osservazzjoni ta' l-art u minn egħjun oħrajn apparti mill-istħarriġ komprensiv imsemmi fl-Artikolu 3 (1), u dawk l-egħjun mhux neċessarjament iridu jkunu stħarriġ annwali.

3. Kull Stat Membru għandu wkoll jipprovdi informazzjoni annwali dwar dawn li ġejjin:

— il-ġabra medja, u

— il-produzzjoni maħsuda, għal kull prodott kif speċifikat fl-Anness III.

TAQSIMA III

Metodi, u speċifikazzjonijiet

Artikolu 3

1. Għall-ispeċifikazzjoni f'kull Stat Membru ta' l-użu ta' l-art li tinħarat imsemmija fl-Anness II, għandha tinkiseb informazzjoni dwar iż-żoni prinċipali minn stħarriġ wieħed annwali komprensiv ta' l-istatistika li għandu jieħu l-forma ta' ċensiment jew ta' stħarriġ rappreżentattiv.

([1]) ĠU Nru L 179, tas-7.8.1972, pġ. 1.
([2]) ĠU Nru L 151, tal-15.6.1990, pġ. 1.

▼B

Dak l-istħarriġ jista' jinkludi ż-żona agrikola l-oħra utilizzata apparti mill-art li tinħarat.

2. Wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu, madanakollu, jużaw egħjun amministrattivi għal informazzjoni dwar art li tinħarat miksuba mill-istħarriġ komprensiv imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Meta la l-istħarriġ għall-istatistika dwar uċuħ tar-raba' permanenti, dwar mergħat permanenti u dwar partijiet oħrajn taż-żona agrikola utilizzata (kif definit fl-Anness II, titoli K, L, M u N) għal sena speċifika u l-anqas l-estimi annwali dwar bidliet fl-użu ta' l-art ta' dawk l-oġġetti ma huma disponibbli minn egħjun tal-Komunità, l-Istati Membri jistgħu jagħtu stimi għal dik is-sena għal dawk l-oġġetti.

4. L-istħarriġ ġenerali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir permezz ta' metodi ta' statistika rikonoxxuti li jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar kwalità, oġġettività u affidabbiltà.

5. L-Istati Membri elenkati fl-Anness IX jistgħu jagħżlu bejn żewġ metodi metodoloġiċi differenti għall-istħarriġ dwar l-użu ta' l-art, skond id-definizzjonijiet fl-Anness I:

— jew metodi ta' "dak il-ħin" li jirreferi għaż-żona prinċipali fil-ħin ta' l-istħarriġ b'informazzjoni addizzjonali dwar iż-żona sekondarja aktar 'il quddiem,

— jew evalwazzjoni "*ex-pos*t" dwar l-użu ta' l-art (li tirreferi għaż-żona prinċipali u sekondarja fl-istess stħarriġ) li ssir fit-tmiem ta' l-istaġun tal-ħsad. L-Istati Membri msemmija fl-Anness IX biss għandhom jispeċifikaw żoni sekondarji.

6. L-informazzjoni għal żoni ta' importanza marginali, kif imsemmija fl-Anness VIII, tista' tinkiseb minn egħjun oħra ta' informazzjoni li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha ta' dan ir-Regolament.

7. Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din it-taqsima, jista' jsir ftehim dwar arranġamenti temporanji skond l-Artikolu 8 (3).

Artikolu 4

1. Fil-kas ta' stħarriġ ta' kampjuni dwar iż-żoni prinċipali ta' art li tinħarat, il-kampjuni għandhom jiġu mfassla sabiex b'tali mod li jkunu rappreżentattivi ta' mill-anqas 95 % taż-żona totali ta' dik l-art bl-uċuħ tar-raba apparti minn ċereali.

L-informazzjoni dwar l-oqsma prinċipali għandha tiġi supplimentata bi stima li tiddependi fuq informazzjoni minn egħjun oħrajn u li jkollhom x'jaqsmu maż-żona ta' l-art li tinħarat m'hijiex koperta bil-kampjun u li jkollha uċuħ tar-raba minbarra ċereali.

2. L-istħarriġ dwar mergħat permanenti, uċuħ tar-raba permanenti u partijiet oħrajn taż-żoni agrikoli utilizzati minbarra art li tinħarat għandu jkun kemm jista' jkun rappreżentattiv. Mergħat permanenti għandhom jinkludu wkoll il-partijiet taż-żoni agrikoli utilizzati barra impriżi agrikoli.

3. L-istħarriġ li jsir bħala kampjun dwar iż-żoni prinċipali ta' art li tinħarat għandu jkun imfassal sabiex, f'kull Stat Membru u għal kull wieħed mill-gruppi separati taż-żoni prinċipali (kif speċifikat fl-Anness IV) ta' mill-anqas wieħed miż-żewg kriterji segwenti jiġu sodisfatti:

(a) il-koeffiċjent tal-varjazzjoni ma jeċċedix dak mogħti fl-Anness IV;

(b) l-iżball standard ma jeċċedix dak mogħti fl-Anness IV.

4. Il-grad ta' reqqa meħtieg għall-estimi taż-żoni ta' mergħat permanenti, uċuħ tar-raba permanenti u partijiet oħrajn taż-żoni agrikoli utilizzati minbarra l-art li tinaħarat għandu jiġi deċiż skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu12, la darba l-Istati Membri jkunu bagħtu lill-Kummissjoni r-rapporti li ssir riferenza għalihom fl-Artikolu 8 (1).

▼B

Artikolu 5

1. Stħarriġ dwar il-produzzjoni jew il-ġabra għandu jitmexxa billi jintużaw metodi ta' l-istatistika rikonoxxuti fir-rigward tal-kwalità, l-oġġettività u l-affidabbiltà.

2. Wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu, madanakollu, jużaw egħjun amministrattivi bħala sostituti għad-informazzjoni miġbura mill-istħarriġ dwar il-produzzjoni jew il-ġabra kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-grad ta' reqqa li għandu jkun meħtieġ għall-estimi tal-produzzjoni ta' kull wieċ tar-raba fl-Anness III għandu jiġi deċiż skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12, la darba l-Istati Membri jkunu għaddew lill-Kummissjoni r-rapporti li ssir riferenza għalihom fl-Artikolu 8 (1).

4. Kull informazzjoni supplimentari meħtieġa għall-istandardizzazzjoni ulterjuri ta' l-estimi tal-produzzjoni għandha tiġi deċiza skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12, la darba l-Istati Membri jkunu għaddew lill-Kummissjoni r-rapporti li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 8 (1).

TAQSIMA IV

L-informazzjoni li għandha tiġi provduta fuq livell reġjonali

Artikolu 6

1. Għandha tintbagħat informazzjoni annwali dwar iż-żoni kultivati, il-ġbir u l-produzzjoni maħsuda għall-uċuħ tar-raba' indikati fl-Anness V skond il-livelli reġjonali definiti fl-Anness VI. Iż-żoni kultivati huma definiti fl-Anness V.

Meta ebda informazzjoni ma tkun disponibbli għal sena speċifika fir-rigward ta' uċuħ tar-raba' permanenti, mergħat permanenti u partijiet oħrajn taż-żona agrikola utilizzata (kif definit fl-Anness II taħt it-titoli K, L, M u N) l-Istati Membri jistgħu jipprovdu estimi għal dik is-sena fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, kif speċifikat fl-Anness V.

2. L-Istati Membri huma obbligati li jipprovdu informazzjoni dwar żoni u prodotti biss fir-rigward ta' uċuħ tar-raba' li ż-żona tagħhom teċċedi l-livell ta' importanza marġinali kif indikat fl-Anness VIII.

3. L-Istati Membri huma obbligati li jipprovdu informazzjoni dwar żoni kultivati kif definiti fl-Anness V u dwar il-produzzjoni maħsuda biss fir-rigward tar-reġjuni l-aktar importanti għal kull wieħed mill-uċuħ tar-raba' speċifikati. Għal kull wieħed minn dawk il-uċuħ tar-raba', l-informazzjoni għandha tingħata għal dawk ir-reġjuni, li meta jittieħdu flimkien, u jkunu rranġati f'ordni dixxendenti, jirrappreżentaw mill-anqas 80 % taż-żona b'dak il-wieċ tar-raba' fl-Istat Membru involut.

TAQSIMA V

Termini ta' żmien, skambju ta' esperjenzi u arranġamenti transizzjonali

Artikolu 7

1. Is-sena kalendarja li fiha jibda l-ħsad għandha tissejjaħ hawnhekk iżjed 'il quddiem 'is-sena tal-ħsad'.

2. Għall-oġġetti ta' użu fuq l-art mogħtija fl-Anness II, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni nazzjonali proviżorja dwar iż-żona kultivata mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru tas-sena tal-ħsad. L-informazzjoni finali dwar dawk iż-żoni kultivati

▼B

għandha tiġi provduta mhux aktar tard mill-1 ta' April wara s-sena tal-ħsad.

3. L-estimi inizjali tal-ġbir nazzjonali u l-figuri ta' produzzjoni dwar il-prodotti speċifikati fl-Anness VII għandhom jintbagħtu mhux aktar tard mit-termini ta' żmien indikati f'dak l-Anness. Il-ġbir proviżorju u l-figuri ta' produzzjoni dwar il-prodotti speċifikati fl-Anness III għandhom jiġu provduti mhux aktar tard mill-15 ta' April u l-figuri finali sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru, it-tnejn li huma fis-sena ta' wara s-sena tal-ħsad.

4. Jekk il-figuri tal-ġabra u tal-produzzjoni jirreferu għal informazzjoni riveduta taż-żona, din ta' l-aħħar għandha tingħata wkoll.

5. L-informazzjoni reġjonali li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 6 għandha tingħata fl-istess ħin tal-figuri finali fuq livell nazzjonali u għandha tkun konsistenti magħhom.

Artikolu 8

1. Fi żmien tnax-il xahar tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jagħtu rapport metodoloġiku dettaljat lill-Kummissjoni li jiddeskrivi kif inġabret l-informazzjoni dwar iż-żona utilizzata, l-art li tinħarat u ż-żona bl-uċuħ tar-raba individwali. L-Istati Membri għandhom ukoll jispjegaw kif il-ġabra u l-produzzjoni ġew kalkolati fil-pajjiżi rispettivi tagħhom u, fejn ikun xieraq fir-reġjuni, u għandhom jindikaw kemm huma rappreżentattivi u affidabbli dawk il-figuri. Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tiġbor sommarju tar-rapporti.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur, dwar kull modifika li ssir fl-informazzjoni msemmija taħt il-paragrafu 1.

3. Jekk ċerti rapporti metodoloġici juru li Stat Membru ma jistax, fil-futur immedjat, jissodisfa l-ħtiġijiet ta' dan ir-Regolament u jekk ikun meħtieġ tibdil fil-metodi ta' teknika ta' l-istħarriġ u fil-metodoloġija, il-Kummissjoni tista', b'koperazzjoni ma' l-Istat Membru, tiffissa perjodu ta' transizzjoni ta' mhux aktar minn sentejn għall-introduzzjoni ta' programm ta' stħarriġ skond dan ir-Regolament.

4. Ir-rapporti metodoloġiċi, l-arranġamenti transizzjonali, id-disponibbiltà ta' l-informazzjoni, u l-kredibbiltà ta' l-informazzjoni u kwistjonijiet oħra relevanti konnessi ma' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżaminati darbtejn fis-sena fi ħdan il-Grupp ta' Xogħol tal-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola.

Artikolu 9

Sa mhux aktar tard mit-tmiem ta' l-1995, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

— rapport dwar l-esperjenza akkwistata mill-istħarriġ ta' l-istatistika u l-estimi mwettqa skond dan ir-Regolament,

— jekk ikun meħtieġ, proposti għat-titjib u għall-armonizzazzjoni ta' l-arranġamenti fis-seħħ fl-Istati Membri.

Artikolu 10

L-Annessi I sa IX għandhom jiġu emendati, meta jinqala' l-bżonn, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 12.

▼B

TAQSIMA VI

L-arranġamenti finanzjarji

Artikolu 11

1. Il-Komunità għandha tagħti lill-Istati Membri kull sena għall-perjodu bejn l-1993 u l-1995 kontribuzzjoni għall-ispiża li tkun intefqet fix-xogħol li jkun sar sabiex jittejbu l-bażijiet metodoloġiċi u l-komparabbiltà ta' l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 6; l-ammont meqjus neċessarju għal din il-kontribuzzjoni għandu jkun ta' miljun ECU fis-sena.

2. L-awtorità tal-*budget* għandha tistabbilixxi l-approprjazzjonijiet disponibbli għal kull sena finanzjarja.

3. L-ammont tal-kontribuzzjoni li għandu jingħata lil kull Stat Membru għandu jiġi deċiż fid-dawl tat-talbiet magħmula mill-Istati Membri u skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu12.

TAQSIMA VII

Disposizzjonijiet finali

▼M3

Artikolu 12

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permnenti dwar l-Istatistika Agrikola, minn hawn il-quddiem referut bħala "il-Kumitat".

2. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE [1] għandhom ikunu applikabbli, wara li jkunu meqjusa d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu.

▼B

Artikolu 13

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tal-poteri ta' l-implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

▼B

ANNESS I

DEFINIZZJONIJIET

I. SURVEY UNIT

Survey unit hija jew art li tinħarat (kif definit fl-Anness II) ta' ażjenda ta' l-agrikoltura ([1]) jew waħda mill-biċċiet ta' l-art magħżula bħala unitajiet f'*survey* komprensiv ta' l-art li tinħarat ta' Stat Membru.

II.A. EVALWAZZJONI '*EX-POS*T' DWAR L-UŻU TA' L-ART

L-arji prinċipali u sekondarji ta' *survey unit* huma kklassifikati kif ġej:

L-arja ta' *survey unit*

1. *Każ ġenerali*

L-arja prinċipali ta' biċċa partikolari ta' *survey unit* hija, fil-każ ġenerali, meta l-biċċa art għandha biss użu wieħed matul annata, ddefinita b'dak l-użu b'mod ċar. (f'dan il-każ l-arja sekondarja ta' dik il-biċċa art tkun żero).

2. *Każijiet speċjali*

2.1. Ħsad suċċessiv

L-arja prinċipali: Jekk il-biċċa ta' l-art li tinħarat hija użata iktar minn darba matul annata (ħsad suċċessiv), u l-arja kull darba kellha ħsad wieħed biss, allura l-arja prinċipali hija dik li għandha l-ogħla valur. Jekk il-valur tal-produzzjoni ma jiddeterminax liema hu l-ħsad prinċipali, allura il-ħsad priċipali huwa dak li jokkupa l-art għall-itwal perjodu ta' żmien.

L-arja sekondarja: L-użi l-oħra kollha huma mbagħad meqjusa bħala arji sekondarji.

2.2. Ħsad ikkumbinat

L-arja prinċipali: Jekk il-biċċa ta' l-art li tinħarat hija użata matul l-istaġun tat-tkabbir ta' annata partikolari għall-istess taħlita ta' ħsad fissa (ħsad ikkumbinat), allura l-arja prinċipali hija maqsuma *pro rata* bejn il-ħsad in kwistjoni.

L-arja sekondarja: F'dan il-każ ma jkunx hemm arja sekondarja.

2.3. Taħlita ta' ħsad suċċessiv u kkumbinat

L-arja prinċipali: Jekk il-biċċa ta' l-art li tinħarat hija użata iktar minn darba matul annata partikolari u b' taħlita ta' ħsad suċċessiv u kkumbinat, allura kull taħlita ta' ħsad li tokkupa l-art matul l-istess perjodu ta' żmien hija evalwata separatament, u it-taħlita jew il-ħsad singolu bl-ogħla valur huwa meqjus bħala l-arja prinċipali. Meta l-arja hija użata għall-ħsad ikkumbinat, l-arja prinċipali hija maqsuma *pro rata* bejn il-ħsad in kwistjoni.

L-arja sekondarja: L-użi l-oħra kollha huma mbagħad meqjusa bħala arji sekondarji.

II.B. EVALWAZZJONI TA' DAK IL-ĦIN DWAR L-UŻU TA' L-ART

L-arja prinċipali jew l-arja reġistrata ta' biċċa partikolari ta' *survey unit* hija definita bħala l-utilizzazzjoni attwali ta' l-art li tinħarat f'ħin partikolari matul annata partikolari li jiġi deċiż bħala data tar-referenza għas-*survey* dwar l-użu ta' l-art.

Fil-każ ta' ħsad ikkumbinat (ara l-punt II.A. 2.2) l-arja prinċipali jew l-arja irreġistrata hija maqsuma *pro rata bejn* il-ħsad in kwistjoni.

([1]) Ara id-deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/561/KEE tat-26 ta' Ottubru 1989 (ĠU Nru L 391, 30.12.1989, p.1).

▼M2

ANNESS II

L-ISPEĊIFIKAR TA' ŻONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(1) U (2)

Deskrizzjoni		kO Kodiċi ġdid tal-Cronos	Żona prinċipali jew żona reġistrata (Ha) (6)	Żona sekondarja jew żona miżjuda (Ha) (6)
A. **Total ta' ċereali** (1)		1050		(*)
— Ross (1)		1250		(*)
B. **Legumi mnixxfa**	(+)	1300		
— Piżelli ħadra	(+)	1320		
— Piżelli mnixxfa oħra		1311		
— Ful u favetta	(+)	1335 (inc. 1338)		
— Fażola/favetta mnixxfa	(+)	1331		
— Lupini	(+)	1343		
— Legumi mnixxfa oħrajn		1341, 1342, 1349		
C. **Prodotti ta' l-egħruq**	(+)	1350		
— Patata	(+)	1360		
— Pitravi taz-zokkor	(+)	1370		
— Għalf tal-pitravi	(+)	1381		
— Prodotti ta' l-egħruq oħrajn (eż. għalf tal-kaboċċi, nevew)		1382		
D. **Pjanti industrijali**	(+)	1400		
— Rapa u rapa ta' nevew	(+)	1420		
— Żerriegħa tal-ġirasol	(+)	1450		
— Żerriegħa tal-kittien	(+)	1460		
— Sojja	(+)	1470		
— qoton	(+)	1540		
— Żerriegħa oħra li minnha jingħasar iż-żejt (eż. peprina. mustarda, ġulġlien, eċċ.)		1480 (excl. 1490)		
— Kittien	(+)	1520		
— Qanneb	(+)	1530		
— Tabakk	(+)	1550		
— Hops	(+)	1560		
— Uċuh tar-raba oħrajn		1510		
— Pjanti industrijali oħrajn		1570		
Li minnhom:				
Ċikwejra għall-kafè		1571		
Ċikwejra għall-inulina		1572		
Pjanti mediċinali jew aromatiċi għat-		1580		
Pjanti industrijali n.e.i.		1589		
E. **Għalf u mergħa minn raba' li jinħarat**	(+)	2610		
— Ġħalf aħdar ta' kull sena:		2611		
— Qamħirrum	(+)	2625		
— Ġħalf aħdar għajr qamħirrum	(+)	2612		
— Għalf ta' kull sena	(+)	2671, 2672, 2673		
— Ħxejjex u għalf ta' natura temporanja	(+)	2680		

▼M2

Deskrizzjoni	kO Kodiċi ġdid tal-Cronos	Żona prinċipali jew żona reġistrata (Ha) (6)	Żona sekondarja jew żona miżjuda (Ha) (6)
F. **Ħaxix frisk** (inkluż il-frawli)	(1600 + 2260)		(*)
— fuq barra jew taħt, fil-baxx, mhux aċċessibbli għatu (2)			
G. **Fjuri u pjanti ornamentali**	3001		(*)
— fuq barra jew taħt, fil-baxx u mhux aċċessibbli għatu (2)			
H. **Żoni fejn isir il-ħsad taż-żiragħ** (3)	3310		(*)
I. **Raba' mhux maħduma** (inkluż tidmil bil-ħaxix)	2696		(*)
J. **Art tajba għall-ħrit** (A-I) (2)	0001		(*)
K. **Art dejjem mimlija ħaxix għall-mergħa**	0002		(*)
L. **Raba' dejjem bl-uċuh tar-raba** (eskluż il-frawli)	(0003-2260)		(*)
li minnu:			
Għelieqi miżrugħin siġar tal-frott	2040		(*)
Għelieqi dwieli	2410		(*)
Pjantaġġuni taż-zebbuġ	2450		(*)
M. **Uċuh tar-raba mgħottija bil-ħġieġ** (4)	1111		(*)
li minnhom			
Ħaxix frisk	1112	(*)	(*)
Fjuri u pjanti ornamentali	1113	(*)	(*)
Uċuh tar-raba permanenti	1114	(*)	(*)
N. **Żoni oħra inkluż ġonna fejn jikbru il-ħxejjex ta' l-ikel** (5)	0004		(*)
O. **Żona ta' l-Agrikoltura wżata** (A-I) + (K-N)	0005		(*)

(1) *Data* dwar ċereali u ross diġa' miġbura skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 (ĠU L 88, tat-3.4.1990, pġ.1).
(2) Uċuh tar-raba mgħottija bil-ħġieg jew għata għoli (aċċessibbli) huma eskluži (Kodiċijiet ta' l-isħarriġ fuq l-istruttura D/15, D/17 u G/07) bħalma huam l-ġonna fejn jikbru l-ħxejjex ta' l-ikel.
(3) Kif definit skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 143/2002 (l-Anness I: Kodiċi D19) ta' l-24 ta' Jannar 2002.
(4) Uċuh tar-raba mgħottija bil-ħġieġ jew għata għoli (aċċessibbli) inkluż ħaxux frisk, fjuri u pjanti ornamentali kif ukoll l-uċuh kollha tar-raba mgħottija
(5) bil-ħġieġ.
(6) Il-kunsinna tad-*data* dwar żoni okkupati minn ġonna fejn jikbru l-ħxejjex ta' l-ikel m'hijiex obbligatorja għad-Danimarka, l-Olanda, l-Awstrija, il-Finlandja, l-Isvezja u
(+) r-Renju Unit.
(*) Ara d-definizzjoni fl-Anness I.

▼M2

ANNESS III

L-ISPEĊIFIKAR TAL-PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(3)

Deskrizzjoni	kO Kodiċi ġdid tal-Cronos	Yield 100 kg/ha	Prodotti (1 000 t)
B. legumi mnixxfa	1300	☒	
— piżelli ħadra	1320		
— ful u favetta	1335 (incl. 1338)		
— Ful u favetta mnixxfa	1331		
— lupini	1343		
C. prodotti ta' l-għruq	1350	☒	
— Patata	1360		
— pitravi taz-zokkor	1370		
— Għalf tal-pitravi (*)	1381		
D. pjanti industrijali	1400	☒	
— rapa u rapa ta' nevew	1420		
— żerriegħa tal-ġirasol	1450		
— Żerriegħa tal-kittien	1460	☒	
— Sojja	1470		
— żerriegħa tal-qoton	1490	☒	
— Qoton (f'fibra)	1540	☒	
— Kittien tal-fibra	1520	☒	
— qanneb	1530		
— Tabakk	1550		
— ħops	1560		
E. Għalf u mergħa minn raba' li jinħarat (*)	2610		
Li minnu		☒	
— Qamħirrum (*)	2625		
— Għalf aħdar għajr qamħirrum (*)	2612		
— Għalf ta' kull sena (*)	2671, 2672, 2673		
— Ħxejjex u għalf ta' natura temporanja (*)	2680		

(*) Mhux obbligatorju.

☒ = M'hemmx bżonn ta' ċifri tal-ġabra.

▼M2

ANNESS IV

L-ISPEĊIFIKAR TA' L-EŻATTEZZA MEĦTIEĠA F'KULL STAT MEMBRU GĦALL-GRUPPI TA' ŻONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4(3)

Kodiċi ġdid tal-Cronos	Deskrizzjoni	Ko-effiċjent massimu aċċettabbli ta' varjazzjoni (%)	Żball massimu standard aċċettabbli (ha)
1300	B. legumi mnixxfa	3	5 000
1350	C. prodotti ta' l-egħruq	3	5 000
1400	D. pjanti industrijali	3	5 000
2610	E. Għalf u mergħa minn raba' li jinħarat (1)	3	5 000
(1600 + 2260)	F. Ħaxix frisk (inkluż il-frawli)	3	5 000
2696	I. Raba' mhux maħduma (inkluż tidmil bil-ħaxix)	3	5 000

(1) Għalf u mergħa minn raba' li jinħarat jinkludu:
(a) għalf aħdar minn raba' li jinħarat (Kodiċi Ġdid Cronos 2611)
(b) Għalf ta' kull sena (Kodiċi Ġdid Cronos 2671, 2672, 2673)
(c) Ħxejjex u għalf ta' natura temporanja (Kodiċi Ġdid Cronos 2680)

NB: L-eżattezza għaċ-ċereali u r-ross hija diġa' stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 tas-26 ta' Marzu 1990. L-ittri kbar B, Ċ, D, E, F u I jirreferu għall-intestaturi fl-Anness II.

▼M2

ANNESS V

L-ISPEĊIFIKAR TA' ŻONI U PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 6

Deskrizzjoni	Kodiċi Ġdid Cronos	Żoni ta' kultivazzjoni (2) (1 000 ha)	Produzzjoni (1 000 t)
B. leguni mnixxfa (total)	1300	•	☒
C. prodotti ta' l-eghruq			
— pitravi taz-zokkor	1370	•	•
D. pjanti industrijali			
— Żerriegha taż-żejt (1)	1410	•	☒
— rapa u rapa ta' nevew	1420	•	•
— żerriegha tal-ġirasol	1450	•	•
— Sojja	1470	•	•
— Żerriegha tal-kittien u kittien	(1460 + 1520)	•	☒
— qoton	1540	•	
— Tabakk	1550	•	•
I. Raba' mhux mahduma (inkluż tidmil bil-haxix)	2696	•	☒
J. Raba' li jinħarat (total)	0001	•	
K. Art dejjem mimlija haxix ghall-mergha	0002	•	
L. Raba' dejjem bl-uċuħ	(0003-2260)	•	
— Ghelieqi miżrughin siġar ghall-frott	2040	•	
— Ghelieqi dwieli	2410	•	
— Pjantaġġuni taż-żebbuġ	2450	•	
O. Żona ta' l-agrikoltura wżata	0005	•	

(1) Esklużi żoni biż-żejt tal-kittien u żerriegha tal-qoton.

(2) Żoni ta' kultivazzjoni jfisser in-numru ta' żoni prinċipali u sekondarji kif reġistrati u ż-żoni addizzjonali ghall-Istati Membri msemmija fl-Anness IX, u ż-żoni prinċipali. ghall-L-Istati Membri l-ohra kollha.

☒ = Ebda taghrif mistoqsi.

• = It-taghrif irid jiġi mibghut.

NB: L-ittri kbar B, Ċ, D, I, J, K, L u O jirreferu ghall-intestaturi fl-Anness II.'

▼A1

ANNESS VI

POZIOMY REGIONALNE, O KTÓRYCH MOWA W ART. 6

Stati Membri	Tqassim bir-Reġjuni
Belgique — België	Provinces/Provincies — Region wallonne/Vlaams gewest
▼M4	
България	NUTS 2
▼A2	
Česká republika	kraje — NUTS 3
▼A1	
Danmark	—
Deutschland	Bundesländer
▼A2	
Eesti	NUTS 2
▼A1	
Ελλάδα	Υπηρεσίες περιφερειακής ανάπτυξης ([1])
España	Comunidades autónomas
France	Régions de programme
Ireland	—
Italia	Regioni
▼A2	
Κύπρος	—
Latvja	NUTS 3
Lietuva	NUTS 3
▼A1	
Luxembourg	—
▼A2	
Magyarország	tervezési-statisztikai régiók
Malta	NUTS 2
▼A1	
Nederland	Provincies
Österreich	►M1 Bundesländer ◄
▼A2	
Polska	NUTS 2
▼A1	
Portugal	NUTS II ([1])
▼M4	
România	NUTS 2
▼A2	
Slovenija	NUTS 2
Slovensko	NUTS 2
▼A1	
Suomi	►M1 Etel Sisä-Suomi Pohjanmaa Pohjois-Suomi ◄
Sverige	►M1 8 Rikosområden ◄
United Kingdom	Standard regions

NUTS = Nomenklatura ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika.

([1]) L-Informazzjoni reġjonali għandha tkun ipprovduta mhux aktar tard minn tlett snin wara li dan ir-Regolament ikun daħal fis-seħħ.

▼B

ANNESS VII

TERMINI PERENTORJI GĦALL-PRODOTT INIZJALI U ESTIMI TAL-PRODUZZJONI TA' PRODOTTI MAGĦŻULA FUQ LIVELL NAZZJONALI (ARTIKOLU 7 (3))

	Deskrizzjoni	Kodiċi Cronos	Termini Perentorji	Stima tal-medja tal-prodott (ha)	Stima tal-prodott mistenni totali (1 000 tunnellata)
B	— Piżelli ta'l-ghalqa	1320	1 ta' Ottubru		
	— Ful u fażola ta' l-ghalqa	1335 (1338 is)	1 ta' Ottubru		
C	— Patata	1360	1 ta' Diċembru		
	— Pitravi	1370	1 ta' Diċembru		
	Ghalf tal-*beet*	1381	1 ta' Diċembru		
D	— Kolza u kolza tarn	1420	1 ta' Novembru		
	— Żerriegha tal-ġirasol	1450	1 ta' Novembru		
	— Fażola sojja	1470	1 ta' Novembru		
	— Żerriegha tal-kittien	1460	1 ta' Diċembru		
	— Żerriegha tal-qoton	1490	1 ta' Diċembru		
	Tabakk	1550	1 ta' Ottubru		

☒ - Data nilmuniex mitluba

N.B. *Data* dwar iċ-ċereali u r-ross diġa qed jinġabru skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 ta' 26 ta' Marzu 1990.

▼M2

ANNESS VIII

ŻONI TA' IMPORTANZA MARĠINALI U ŻONI LI JRIDU JIĠU INKLUŻI FL-ISĦARRIĠ REGOLARI TA' L-ISTATISTIKA

Kodiċi Ġdid Cronos	Żona prinċipali jew żona ta' osservanza tal-prodott agrikolu	B	BG	CZ	DK	D	EE	EL	E	F	IRL	I	CY	LV	LT	L	HU	MT	NL	A	PL	P	RO	SI	SK	FIN	S	UK	
1300	B. **legumi mnixxfa**	M	(242) ●	(2) ●	●	●	(26) ●	●	●	●	M	●	(58) M	(74) ●	(98) ●	●	(122) ●	(146) M	M	●	(170) ●	●	(266) ●	(194) M	(218) ●	●	●	●	1
1320	piżelli hadra	M	(243) M	(3) ●	●	●	(27) ●	M	●	●	M	M	(54) –	(75) ●	(99) M	●	(123) ●	(147) –	M	●	(171) ●	M	(267) ●	(195) M	(219) ●	●	●	●	2
1311	Piżelli ohra	–	(244) M	(12) M	M	M	(28) –	M	●	M	–	M	(55) M	(76) –	(100) M	M	(124) M	(148) –	M	M	(172) ●	M	(268) ●	(196) –	(220) M	M	M	●	3
1335	Ful u favetta (inkluż 1338)	M	(245) M	(55) M	–	●	(29) ●	●	●	●	M	●	(53) M	(77) ●	(101) M	●	(125) M	(149) M	M	●	(173) ●	M	(269) M	(197) –	(221) M	M	M	●	4
1331	Ful u favetta mnixxfa	M	(246) ●	(6) –	–	M	(30) –	●	●	M	–	●	(54) M	(78) ●	(102) M	M	(126) M	(150) –	M	M	(174) ●	●	(270) ●	(198)	(222) –	–	M	●	5
1343	lupini	–	(247) M	(7) –	M	M	(31) –	M	●	M	–	M	(55) –	(79) ●	(103) M	–	(127) M	(151) –	–	M	(175) ●	M	(271) –	(199) –	(223) –	–	–	M	6
1341 1342 1349	Legumi mnixxfa ohrajn	M	(248) M	(8) M	–	M	(32) M	●	●	M	–	●	(56) M	(80) ●	(104) M	–	(128) M	(152) –	–	M	(176) M	M	(272) M	(200) –	(224) M	M	–	M	7
1350	C. **prodotti ta' l-eghruq**	●	(249) ●	(9) ●	●	●	(33) ●	●	●	●	●	●	(57) ●	(81) ●	(105) ●	●	(129) ●	(153) ●	●	●	(177) ●	●	(273) ●	(201) ●	(225) ●	●	●	●	8
1360	Patata	●	(250) ●	(10) ●	●	●	(34) ●	●	●	●	●	●	(58) ●	(82) ●	(106) ●	●	(130) ●	(154) ●	●	●	(178) ●	●	(274) ●	(202) ●	(226) ●	●	●	●	9
1370	pitravi taz-zokkor	●	(251) M	(11) ●	●	●	(35) M	●	●	●	●	●	(59) –	(83) ●	(107) ●	M	(131) ●	(155) –	●	●	(179) ●	M	(275) ●	(203) ●	(227) ●	●	●	●	10
1381	Ghalf tal-pitravi	●	(252) M	(12) ●	●	●	(36) M	–	M	●	●	M	(60) –	(84) ●	(108) ●	M	(132) M	(156) –	M	M	(180) ●	M	(276) ●	(204) ●	(228) ●	M	M	M	11
1382	Prodotti ta' l-eghruq ohrajn	M	(253) M	(13) M	M	M	(37) M	M	M	●	●	M	(61) M	(85) ●	(109) M	M	(133) M	(157) ●	M	M	(181) ●	M	(277) M	(205) ●	(229) –	M	–	●	12
1400	D. **Pjanti industrijali**	●	(254) ●	(14) ●	●	●	(38) ●	●	●	●	●	●	(62) M	(86) ●	(110) ●	●	(134) ●	(158) –	●	●	(182) ●	●	(278) ●	(206) ●	(230) ●	●	●	●	13
1420	Rapa u rapa ta' nevew	●	(255) ●	(15) ●	●	●	(39) ●	–	M	●	M	●	(63) –	(87) ●	(111) ●	●	(135) ●	(159) –	M	●	(183) ●	M	(279) ●	(207) ●	(231) ●	●	●	●	14
1450	żerriegħa tal-ġirasol	–	(256) ●	(16) ●	–	●	(40) –	●	●	●	–	●	(64) –	(88) –	(112) –	–	(136) ●	(160) –	–	●	(184) M	●	(280) ●	(208) M	(232) ●	M	–	–	15
1470	Sojja		(257) ●	(17) ●		M	(41) ●	M	M	●		●	(65) –	(89)	(113)		(137) ●	(161)		●	(185) M	M	(281) ●	(209) M	(233) ●				16
1460 in 1520	Kittien tal-fibra u kittien	●	(258) M	(18) ●	M	M	(42) ●	–	M	●	M	M	(66) –	(90) ●	(114) ●	M	(138) M	(162) –	M	M	(186) ●	M	(282) M	(210) –	(234) M	M	M	●	17
1540	qoton	–	(259) ●	(19) –	–	–	(43) –	●	●	M	–	M	(67) –	(91) –	(115) –	–	(139) –	(163) –	–	–	(187) –	M	(283) –	(211) –	(235) –	●	–	–	18
1480 (eskluż 1490)	Żerriegħa ohra taż-żejt (eż.peprina, mustarda, ġulġlien, eċċ.)	M	(260) M	(20) ●	M	M	(44) –	M	M	M	–	M	(68) M	(92) –	(116) M	M	(140) ●	(164) –	M	M	(188) ●	M	(284) ●	(212) ●	(236) M	M	–	●	19
1530	qanneb	–	(261) M	(21) –	–	–	(45) –	–	M	M	–	M	(69) –	(93) –	(117) –	M	(141) M	(165) –	M	M	(189) M	–	(285) M	(213) –	(237) –	M	–	●	20
1550	Tabakk	M	(262) ●	(22) –	–	M	(46) –	●	●	●	–	●	(70) M	(94) –	(118) –	–	(142) ●	(166) –	–	M	(190) ●	M	(286) ●	(214) –	(238) M	--	–	–	21
1560	hops	M	(263) M	(23) ●	–	●	(47) –	–	M	M	M	M	(71) –	(95) –	(119) –	–	(143) M	(167) –	–	M	(191) M	M	(287) M	(215) M	(239) M	--	–	M	22
1570	Pjanti industrijali ohrajn	●	(264) M	(24) ●	–	M	(48) M	M	M	M	–	M	(72) M	(96) ●	(120) M	M	(144) M	(168) –	M	M	(192) ●	M	(288) ●	(216) ●	(240) M	M	M	●	23

▶(1) (2) (3) (4) (5) (6) (7) (8) (9) (10) (11) (12) (13) (14) (15) (16) (17) (18) (19) (20) (21) (22) (23) (24) (25) (26) (27) (28) (29) (30) (31) (32) (33) (34) (35) (36) (37) (38) (39) (40) (41) (42) (43) (44) (45) (46) (47) (48) (49) (50) (51) (52) (53) (54) (55) (56) (57) (58) (59) (60) (61) (62) (63) (64) (65) (66) (67) (68) (69) (70) (71) (72) (73) (74) (75) (76) (77) (78) (79) (80) (81) (82) (83) (84) (85) (86) (87) (88) (89) (90) (91) (92) (93) (94) (95) (96) (97) (98) (99) (100) (101) (102) (103) (104) (105) (106) (107) (108) (109) (110) (111) (112) (113) (114) (115) (116) (117) (118) (119) (120) (121) (122) (123) (124) (125) (126) (127) (128) (129) (130) (131) (132) (133) (134) (135) (136) (137) (138) (139) (140) (141) (142) (143) (144) (145) (146) (147) (148) (149) (150) (151) (152) (153) (154) (155) (156) (157) (158) (159) (160) (161) (162) (163) (164) (165) (166) (167) (168) (169) (170) (171) (172) (173) (174) (175) (176) (177) (178) (179) (180) (181) (182) (183) (184) (185) (186) (187) (188) (189) (190) (191) (192) (193) (194) (195) (196) (197) (198) (199) (200) (201) (202) (203) (204) (205) (206) (207) (208) (209) (210) (211) (212) (213) (214) (215) (216) (217) (218) (219) (220) (221) (222) (223) (224) (225) (226) (227) (228) (229) (230) (231) (232) (233) (234) (235) (236) (237) (238) (239) (240) **A2**

▶(241) (242) **M4**

▼M2

Kodiċi Ġdid Cronos	Żona prinċipali jew żona ta' osservanza tal-prodott agrikolu	B	▶(101) BG ◀	▶(1) CZ ◀	DK	D	▶(10) EE ◀	EL	E	F	IRL	I	▶(21) CY ◀	▶(31) LV ◀	▶(41) LT ◀	L	▶(51) HU ◀	▶(61) MT ◀	NL	A	▶(71) PL ◀	P	▶(112) RO ◀	▶(81) SI ◀	▶(91) SK ◀	FIN	S	UK	
2610	E. **Ghalf u mergha minn raba' li jinharat**	•	▶(102) • ◀	▶(2) • ◀	•	•	▶(12) • ◀	•	•	•	•	•	▶(22) • ◀	▶(32) • ◀	▶(42) • ◀	•	▶(52) • ◀	▶(62) • ◀	•	•	▶(72) • ◀	•	▶(113) • ◀	▶(82) • ◀	▶(92) • ◀	•	•	•	24
2611	Ghalf ahdar ta' kull sena	•	▶(103) • ◀	▶(3) • ◀	•	•	▶(13) • ◀	•	•	•	•	•	▶(23) • ◀	▶(33) • ◀	▶(43) • ◀	•	▶(53) • ◀	▶(63) • ◀	•	•	▶(73) • ◀	•	▶(114) • ◀	▶(83) • ◀	▶(93) • ◀	•	•	•	25
2625	qamhirrum	•	▶(104) • ◀	▶(4) • ◀	•	•	▶(14) • ◀	M	•	•	•	•	▶(24) – ◀	▶(34) • ◀	▶(44) • ◀	•	▶(54) • ◀	▶(64) – ◀	•	•	▶(74) • ◀	•	▶(115) • ◀	▶(84) • ◀	▶(94) • ◀	–	m	•	26
2612	Ghalf ahdar ghajr qamhirrum	M	▶(105) M ◀	▶(5) • ◀	•	•	▶(15) • ◀	•	•	•	•	•	▶(25) • ◀	▶(35) • ◀	▶(45) • ◀	•	▶(55) – ◀	▶(65) – ◀	•	m	▶(75) • ◀	•	▶(116) • ◀	▶(85) • ◀	▶(95) • ◀	•	•	•	27
2671 2672 2673	Ghalf ahdar ta' kull sena	M	▶(106) • ◀	▶(6) • ◀	•	•	▶(16) • ◀	•	•	•	•	•	▶(26) M ◀	▶(36) • ◀	▶(46) • ◀	•	▶(56) • ◀	▶(66) – ◀	•	•	▶(76) • ◀	•	▶(117) • ◀	▶(86) • ◀	▶(96) • ◀	•	m	•	28
2680	Ħxejjex u mergha temporanji	•	▶(107) • ◀	▶(7) • ◀	•	•	▶(17) • ◀	•	•	•	•	•	▶(27) • ◀	▶(37) • ◀	▶(47) • ◀	•	▶(57) • ◀	▶(67) • ◀	•	•	▶(77) • ◀	•	▶(118) • ◀	▶(87) • ◀	▶(97) • ◀	•	•	•	29
(1600 + 2260)	F. **Ħaxix frisk**	•	▶(108) • ◀	▶(8) M ◀	•	•	▶(18) M ◀	•	•	•	M	•	▶(28) M ◀	▶(38) • ◀	▶(48) M ◀	m	▶(58) M ◀	▶(68) • ◀	•	•	▶(78) • ◀	•	▶(119) • ◀	▶(88) M ◀	▶(98) M ◀	•	•	•	30
3001	G. **Fjuri u pjanti ornamentati**	v	▶(109) M ◀	▶(9) M ◀	M	•	▶(19) • ◀	•	M	•	M	•	▶(29) M ◀	▶(39) • ◀	▶(49) M ◀	M	▶(59) • ◀	▶(69) – ◀	•	M	▶(79) • ◀	M	▶(120) M ◀	▶(89) M ◀	▶(99) M ◀	M	M	•	31
3310	H. **Żoni ghall-ħsad taż-zerriegħa**	M	▶(110) M ◀	▶(10) • ◀	•	•	▶(20) • ◀	•	M	•	M	•	▶(30) • ◀	▶(40) • ◀	▶(50) • ◀	M	▶(60) • ◀	▶(70) – ◀	•	•	▶(80) • ◀	M	▶(121) • ◀	▶(90) M ◀	▶(100) M ◀	M	•	M	32
2696	I. **Art mhux maħduma (inkluż tidmil tal-ħaxix)**	•	▶(111) • ◀		•	•		•	•	•	•	•				M			•	•		•	▶(122) • ◀			•	•	•	33

„•": = Biex tigi inkluża fl-istħarriġ regolari ta' l-istatistika msemmija fl-Artikolu 3(1).
„M": = Żoni ta' importanza marġinali (i.e. anqas minn 5 000 ha u 1 % tar-raba' li jinharat f'kull Stat Membru)
„–": = wiċċ tar-raba' ma kibirx.

NB: L-ittri kbar B, C, D, E, F, G, H u I jirreferu għall-intestaturi fl-Anness II.

▶(1) (2) (3) (4) (5) (6) (7) (8) (9) (10) (11) (12) (13) (14) (15) (16) (17) (18) (19) (20) (21) (22) (23) (24) (25) (26) (27) (28) (29) (30) (31) (32) (33) (34) (35) (36) (37) (38) (39) (40) (41) (42) (43) (44) (45) (46) (47) (48) (49) (50) (51) (52) (53) (54) (55) (56) (57) (58) (59) (60) (61) (62) (63) (64) (65) (66) (67) (68) (69) (70) (71) (72) (73) (74) (75) (76) (77) (78) (79) (80) (81) (82) (83) (84) (85) (86) (87) (88) (89) (90) (91) (92) (93) (94) (95) (96) (97) (98) (99) (100) **A2**

▶(101) (102) **M4**

▼B

ANNESS IX

L-Istati Membri li gejjin ghandhom jinkludu l-arji sekondarji fi statistical survey annwali:

— Il-Grecja

— Spanja

— L-Italja

— Il-Portugal.

Għad-definizzjoni ta' arji sekondarji, ara Anness I.